FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D.
SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA, 27 TA' SETTEMBRU, 1996

Avviz Nru.356/96

Tabib Principali tal-Gvern

vs

Carmelo Tabone

It-Tribunal:

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta' Lulju, 1996, fejn intalab il-hlas ta' Ghoxrin Lira Maltija (Lm20), premess illi wara li kienu ittiehdu passi dixxiplinari kontra Carmelo Tabone dan naqas li jhallas il-multa ta' Ghoxrin Lira Maltija (Lm20) li kienet giet moghtija;

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa ma ppresentax risposta fir-rigward, u meta msejjah lanqas ma deher;

Semgha x-xhieda tar-rapprezentant tat-Tabib Principali tal-Gvern Charles Borg, li xehed li l-konvenut kien gie mmultat mit-Tabib Principali tal-Gvern f'Awissu, 1993, u li dan baqa ma hallasx il-multa.

Ikkunsidra li mix-xhieda mismugha jirrizulta soddisfacentement pruvat li l-ammont in kwistjoni huwa dovut;

Ghal dawn il-motivi it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici u jikkundanna lil konvenut jhallas lill-attur l-ammont ta' Ghoxrin Lria Maltija (Lm20), kif fuq inghad;

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

Avv Joseph Refalo

Gudikatur

Vera kopja fotostatika

Dep Reg.